KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 6 – L-ERBGĦA, 6 TA' NOVEMBRU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 6.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

6.1.1 Ma kienx hemm.

Fil-bidu ta' din is-seduta, is-Sindku Dott. Sciberras talab sospensjoni tar-regolamenti biex jintroduċi lil Ms Iklin li ser tkun qed tirrapreżenta lill-lokalità tal-Iklin. Is-Sindku ta' merħba u rringrazzja talli għoġobha tpoġġi isimha fuq din il-lokalità filwaqt li awguralha kull suċċess f'din l-avventura sabiħa għal Miss Malta beauty pageant competition.

Il-kontestanta irringrazzjat lill-Kunsill għall-ospitalità li wera magħha l-Kunsill u kellha kummenti pożittivi dwar il-lokalità tal-Iklin fejn semmiet li minkejja li l-iżvilupp urban qed jaffettwa wkoll lil din il-lokalità, però fl-opinjoni tagħha L-Iklin għadu jgawdi minn karatteristiċi partikolari għaliex huwa raħal kwiet li tieħu gost timxi u tgħix fih. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill huma kommess li jsegwu u jagħtu l-appoġġ sħiħ lil Miss Iklin 2025.



Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 6.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

6.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (6) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

6.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 6.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

6.3.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras informa lill-preżenti li matul il-jiem li għaddew talab laqgħa urġenti mad-Direttur tas-Saħħa Ambjentali u Uffiċċjali għolja mill-WSC dwar il-każ tal-kontaminazzjoni fil-provvista tal-ilma fi Triq il-Ħwawar biex isegwi l-każ mill-qrib ladarba kienu affettwati numru ta' resident li jirrisiedu fi Triq il-Ħwawar. Mil-laqgħa irriżulta li l-WSC kienet f'kuntatt dirett mar-residenti kollha affettwati filwaqt li d-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali kien qed jieħu t-testijiet tal-ilma sakemm il-każ ġie solvut.

Is-Sindku kien infurmat li l-WSC kienu offrew lir-residenti milquta sabiex jipprovdu wkoll trattament fit-tankijiet tal-ilma privati, servizz li jmur oltre mill-kompetenzi / responsabbiltà tal-istess Korporazzjoni biex jassiguraw li ma jitħallewx traċċi ta' ammonia u *bacterial growth*. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma ħarġitx avviż pubbliku minħabba l-fatt li d-diffikultà kienet lokalizzata u kkontrollata fi żmien ħamest ijiem.

Is-Sindku ikkonkluda li ried ikun ċert li s-sitwazzjoni kienet taħt kontroll filwaqt li rringrazzja pubblikament lir-resident li ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill dwar il-kontaminazzjoni fil-provvista tal-ilma għax b'hekk setgħu jittieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet kollha neċessarji mill-awtoritajiet konċernati. Il-main tal-ilma konċernat kien washed out u ttieħdu numru ta' *samples* fil-laboratorju sakemm il-każ ġie riżolt a sodisfazzjon tal-konsumatur.

6.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li kien iltaqa mall-Avukat tal-Kunsill fuq il-post fi Triq Giorgio Locano fil-preżenza tal-Kunsillier Mary Grace Gusman, is-Segretarju Eżekuttiv u mar-residenti li qed jirrapreżentaw firxa akbar ta' residenti li jirrisiedu f'din iż-żona fejn huma preokkupati bix-xogħol li sar riċentement mhux skont il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-formazzjoni ta' triq li nbniet fil-Kumpless Sportiv u b'kostruzzjoni ta' grada li tiftaħ fuq Triq Giorgio Locano. Is-Sindku spjega li l-Avukat ħa konjizzjoni ta' dak li ra u spjegawlu r-residenti u kien deċiż li jsir protest ġudizzjarju kontra l-*istakeholders* kollha involut f'dan il-proġett.

6.3.3 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mary Grace Gusman irrimarkat li ditta kummerċjali ħadet l-inkarigu u stallat floodlight li jagħti għal fuq il-parkeġġ pubbliku li nsibu fi Triq San Mikiel. L-ideja wara din l-istallazzjoni kien kien biex jil-parkeġġ pubbliku jkun aktar imdawwal biex jinqatgħu l-abbużi ta' serq mill-vetturi.

Is-Sindku żied jgħid li fil-laqgħa li tinżamm regolarment mall-Community Police Team, din il-materja ġiet diskussa u fejn ġie maqbul li fil-limitazzjonijiet tas-servizz li qed joffru l-Community Police Team, taw il-kelma li se jkunu qed iżidu l-foot patrol f'din iż-żona waqt li jkunu duty fuq din il-lokalità.

6.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo kienet attendiet għal attività mnedija mill-Kunsill Reġjonali Lvant fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin kien ippropona li ssir distribuzzjoni ta' School starter-pack project lit-tfal tal-katekiżmu fl-Iklin. L-iskop wara dan il-proġett huwa biex nedukaw lit-tfal u l-ġenituri dwar il-kunċett ta' sostenibbilità.

Il-Viċi Sindku spjegat li din kienet it-tielet edizzjoni bid-distribuzzjoni ta' school starter project lit-tfal tal-Katekiżmu tal-Year 1 & Year 2 bl-ideja li minn età żgħira t-tfal ikunu konxji mill-ħarsien tal-ambjent. Proġett li qed iħalli l-frott mixtieq.

6.3.5 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill ikun minn ta' quddiem biex il-Kunsill jipparteċipa fil-kampanji nazzjonali li jsiru minn żmien għal żmien fosthom The Pink October Movember Malta Annual Campaign.

Għal sena oħra il-Kunsill reġa kien parteċipi f'din il-kampanja billi xegħel b'dawl roża fix-xhar ta' Ottubru u b'dawl vjola fix-xhar ta' Novembru fi Pjazza Ninu Cremona u Triq Anton Buttigieg, żewġ spazji pubbliċi bl-ideja li noħolqu għarfien u nedukaw primarjament lir-residenti tagħna biex nieħdu ħsieb saħħitna billi ninkoraġġixxu li jsiru testijiet regolari ta' saħħitna (early detection) biex insalvaw il-ħajjiet tan-nies.

6.3.6 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mary Grace Gusman infurmat lill-preżenti li kienet iltaqgħet flimkien mall-Kunsillier Mario Fenech mal-Iklin Scout Group nhar l-Erbgħa 16 ta' Ottubru bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Għaqdiet tal-lokal.

Infurmat li ħarġu numru ta' punti min-naħa tal-Iklin Scout Group fejn tkellmu dwar is-sede tagħhom li huwa stmat li għandhom bżonn daqs Eur100k biex jirrinovawh. Issemma wkoll tiswija ta' ħitan u xogħlijiet anċillari.

Issemma wkoll punt importanti li kien importanti li l-Iklin Scout Group ikunu jafu bil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill biex jassiguraw il-parteċipazzjoni tagħhom.

Issemma wkoll il-ħsieb jew l-inizjattiva li jħawwlu s-siġar fejn qed jitolbu l-għajnuna u bil-possibiltà li l-Kunsill jissorsja numru ta' siġar biex jilħqu dan it-tragward.

Fil-laqgħa ħareġ ukoll il-punt sabiex il-Kunsill jassisti lill-Iklin Scout Group biex ifittxu opportunitajiet ta' ditti kummerċjali li jistgħu jgħinu fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għas-sede tagħhom.

Il-Kunsillier Mary Grace Gusman ikkonkludiet li l-Kunsill ikun jista jesplora opportunitajiet ta' fondi minn skemi differenti biex nappoġġjaw lill-Iklin Scout Group biex jilħqu l-miri tagħhom.

## 6.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

6.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-8 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2024 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (8 t'Ottubru - 5 ta'Novembru 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 341 | 09/10/2024 | Fi Triq San Mikiel hemm traffic mirror u qed jipparkja van kbir quddiemha u qed jgħattiha. Talba biex nagħmlu bollards jew intawlu l-pole | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 342 | 09/10/2024 | Fi Triq il-Plejju c/w Triq in-Namur hemm żewġ bokok fit-triq mgħottija pjanċi tal-plastic. Dawn ilhom xhar hekk u qegħdin ta' periklu għax jekk tiċċaqlaq il-pjanċa u tgħaddi vettura ir-rota tinżel fil-bokka | pending | Triq il-Plejju | **IM** |
| 343 | 09/10/2024 | Ilment dwar infestazzjoni ta' ġrieden fl-għalqa ta' Triq Pawlu Grech | pending | Triq Pawlu Grech | **PUBLIC HEALTH** |
| 344 | 09/10/2024 | Talba biex il-bozoz ta fejn il-kamra / siġra Triq G Bonnici c/w Triq G E Mercer ikunu ftit iktar bojod għax hemm d-dlam | pending | Triq G Bonnici | **COUNCIL** |
| 345 | 10/10/2024 | Hemm biċċa simenta żejda fejn traffic lights quddiem model shop biex titneħħa għax qegħda kerha | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 346 | 12/10/2024 | Ilment pjanċa tħabbat 39 Triq Mużika sar trenching u għamlu konkos, kellimthom u se jneħħuha llum | closed resident noted | Triq il-Mużika | **COUNCIL** |
| 347 | 12/10/2024 | Talba biex jinkines trab u żrar li ħalla l kuntrattur fi Triq A M Galea għax nieżel fi Triq G Calleja | pending | Triq G Calleja | **COUNCIL** |
| 348 | 12/10/2024 | Hemm madum tal bankina nieqes (zrar) Triq P P Saydon c/w Triq Mercieca | pending | Triq P P Saydon | **COUNCIL** |
| 349 | 12/10/2024 | Ħiereġ ilma fuq bankina mir-residenza Santa Maria , Trejqet il-Poeti, minn ġewwa | pending | Trejqet il-Poeti | **PUBLIC HEALTH** |
| 350 | 13/10/2024 | Qed jerġgħu jitħallew ħafna boroż suwed fejn il-kamra tal-Kunsill | closed | Triq GE Mercer | **CLEANSING** |
| 351 | 14/10/2024 | Hemm leakage tal-ilma quddiem 40, Triq Richard Taylor | pending | Triq Richard Taylor | **WSC** |
| 352 | 14/10/2024 | Hemm cable imdendel mad-dar li bdiet taqa' fi Triq Mons PP Saydon c/w Triq C Busuttil | settled | Triq Mons PP Saydon | **MELITA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 353 | 14/10/2024 | Minn mindu nqalgħet il-bozza minn mal-ħajt tad-dar li waqgħet fi Triq Mons PP Saydon, qed ikun hemm ħafna dlam. Biex titwaħħal x'imkien ieħor. | pending | Triq Mons PP Saydon | **COUNCIL** |
| 354 | 14/10/2024 | Hemm tabella tal-ħinijiet difettuża u ser taqa fuq xi ħadt quddiem 58, Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 355 | 14/10/2024 | Hemm il-bankina ta' quddiem stabbiliment tan-negozju għolja u qegħda perikoluża | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 356 | 17/10/2024 | Tabella mdawwra tal-ħinijiet fi Triq il-Klin | settled | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 357 | 18/10/2024 | Talba għal bozza tat-triq, il-parti ta' fejn saret il-ħofra fi Triq Stefano Erardi għax hemm ħafna dlam | pending | Triq Stefano Erardi | **COUNCIL** |
| 358 | 18/10/2024 | Ilment dwar infestazzjoni ta' ġrieden fl-għalqa ta' Triq Dott Pawlu Grech | settled | Triq Pawlu Grech | **PUBLIC HEALTH** |
| 359 | 18/10/2024 | Ħaxix fi Triq A M Caruana u Triq E S Inglott | pending | Triq A M Caruana | **COUNCIL** |
| 360 | 21/10/2024 | Bozza maqtugħa fuq arblu nru. Y001/28 fi Triq G Abos | pending | Triq Geronimo Abos | **ENEMALTA** |
| 361 | 21/10/2024 | Bozza maqtugħa fuq arblu nru. L08528 fi Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **ENEMALTA** |
| 362 | 21/10/2024 | Ilment dwar infestazzjoni ta' grieden fl-ghalqa ta' Triq Dott Pawlu Grech | settled | Triq P Grech | **PUBLIC HEALTH** |
| 363 | 22/10/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru. L016/28 fi Triq il-Wied c/w Triq A Gerada | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 364 | 22/10/2024 | Talba biex isir litter bin hdejn St Catherine's Confectionery fi Triq Geronimo Abos | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 365 | 19/10/2024 | Talba biex tinbidel tabella tal-ħin fi Triq Dwardu Cachia | settled | Triq D Cachia | **COUNCIL** |
| 366 | 24/10/2024 | Ilment li qed joqgħod ilma quddiem 46 Triq G E Mercer (snin kbar) | pending | Triq G E Mercer | **COUNCIL** |
| 367 | 25/10/2024 | Talba għal aktar dawl f'Wesgħa Lewis JB Scicluna għax hemm dlam ċappa | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 368 | 25/10/2024 | Talba għal mera tat-traffiku f'Wesgħa Lewis JB Scicluna | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 369 | 25/10/2024 | Talba biex isiru double yellow lines maġenb biex tal-komun f'Wesgħa Lewis JB Scicluna għax qed jipparkjaw vetturi u jostakolaw garaxxijiet | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 370 | 25/10/2024 | Talba biex jitneħħew xi travetti tal-ħadid minn quddiem 57 Triq S Erardi | closed | Triq S Erardi | **INFRASTRUCTURE** |
| 371 | 25/10/2024 | Ilment li vetturi qegħdin jidħlu one way fi Triq A M Galea għax hemm tabelli neqsin | settled | Triq A M Galea | **COUNCIL** |
| 372 | 26/10/2024 | Bozza mitfija fuq arblu 81 Triq G Abos | pending | Triq G Abos | **ENEMALTA** |
| 373 | 26/10/2024 | Inċident tal-ilma tal-vit maħmuġ fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **WSC/ Health** |
| 374 | 28/10/2024 | Ilment fuq traffiku kbir li qed jgħaddi minn Triq A Buttigieg wara li infetħet Triq A M Galea, kulħadd gas down biex jaqbżu Bypass, forsi jista jsir xi ħaġa. | pending | Triq A Buttigieg | **COUNCIL** |
| 375 | 30/10/2024 | Talba biex jinqata ħaxix nieżel fuq il-bankina għalqa Triq L F Mizzi c/w Triq Ċ Bugeja | pending | Triq L F Mizzi c/w Triq C Bugeja | **COUNCIL** |
| 376 | 30/10/2024 | Ġrieden fi Triq G E Mercer fejn no. 30 | pending | Triq G E Mercer | **PUBLIC HEALTH** |
| 377 | 01/11/2024 | Talba biex jinbidlu 2 tappieri tal-plastic għax miksurin mill-ġodda, St Rita, Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **INFRASTRUCTURE** |
| 378 | 04/11/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu L13/028 fi sqaq fi Triq Ħal Għargħur | pending | Sqaq fi Triq Ħal Għargħur | **CONTRACTOR** |

## 6.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

6.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa lis-Sindku dwar Il-possibiltà li l-Kunsill nintroduċu WhatsApp channel tal-Kunsill Lokali għal aktar komunikazzjoni diretta mar-residenti.

Is-Sindku Dott Sciberras laqa' din il-proposta u wiegħed li ser jaħdem fuqha biex nintroduċu dan is-servizz.

6.5.2 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa lis-Sindku dwar is-sitwazzjoni relatata mal-WiFi points fil-pjazza u f'postijiet oħra pubbliċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien sar eżerċizzju ma' Tech.mt dwar l-użu ta' kull Wi-Fi point eżistenti fil-lokalitajiet matul il-perijodu bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u 1 ta' Frar 2023.

Irriżulta illi diversi points mhux qed jaqbżu il-540 hit (medja ta' 3 kuljum) jew addirittura ma jintużaw xejn. Fejn ikun hemm ammont li jaqbeż il-mija, dan ma jfissirx li jkunu qed jintużaw minn diversi persuni iżda jista' jkun li jkunu qed jiġu użati minn persuna waħda biss.

Għalhekk ġie deċiż illi dawn il-points jiġu terminati minħabba l-fatt li l-użu tagħhom mhux jintuża biżżejjed u għaldaqstant ma baqax aktar sostenibbli. Dawn il-points ser jiġu terminati fil-31 ta' Marzu 2023.

Kien konkluż li l-proġett tal-WiFi points mhuwiex vijabbli biex jerġa jsir.

6.5.3 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar is-sitwazzjoni in konnessjoni mall-Milied minn aspett ta' armar mat-toroq u l-possibilità ta' attività/attivitajiet għal dan iż-żmien.

Is-Sindku wieġeb li programm propost tal-Milied ser jiġi diskuss aktar tard fis-seduta peress li hemm item fuq l-agenda.

6.5.4 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar Il-possibilità li jiġi krejat sotto-kumitat li jieħu ħsieb jorganizza ċerti attivitajiet fil-lokalità.

Is-Sindku jaqbel ma' din il-proposta u talab lill-Kunsillieri li għandhom id-dekasteri relatati biex jieħdu ħsieb jinnominaw persuni idoneji li jistgħu jikkontribwixxu għaliex b'hekk jista jitwessa ċ-ċirku ta' parteċipazzjoni.

## 6.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

6.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

6.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech, u Mary Grace Gusman.

6.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri għas-servizzi/oġġetti kif jidher hawn taħt:

i. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur logografix signs għall-vettura l-ġdida tal-Kunsill electric powered passenger van għal servizz ta' *half wrapping* għall-ammont ta' Eur1,250.80 VAT inkluż;
ii. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għal żabra tas-siġar fi Triq Anton Buttigieg għall-ammont ta' Eur1,646.10 VAT inkluż;
iii. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Joseph Calleja għas-servizz/xiri ta' white Carrara marble, bronze letterings, lavur u stallazzjoni ta' lapida fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-ammont ta' Eur2,285.00 VAT inkluż;
iv. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Brian Spiteri għal tiżjin tal-Milied fi Triq San Mikiel għall-prezz ta' Eur1000 VAT inkluż;
v. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Exterminator Malta Pext Ltd għal servizz ta' intervent minħabba infestazzjoni ta' ġrieden fl-għalqa ta' Dott Pawlu Grech għall-prezz ta' Eur445.00 VAT inkluż;
vi. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Carl Caruana għall-kiri ta' tiżjin tal-Milied għal Pjazza Ninu Cremona għall-prezz ta' Eur2,725.80 VAT inkluż;
vii. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Noel Borg għall-kiri ta' tiżjin tal-Milied għal Triq Ġeronimo Abos għall-prezz ta' Eur2,000 VAT inkluż;
viii. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Għaqda Festi Esterni Ħal Lija għall-kiri u tweħħil ta' antarjoli għall-festi natalizji għall-prezz ta' Eur770 VAT inkluż;
ix. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Ta' Verna Folk Band għal servizz mużikali fl-attività Meet-and-Greet li ser jorganizza l-Kunsill nhar it-12 ta' Diċembru għall-prezz ta' Eur650 VAT inkluż;
x. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Maria Scerri għal servizz ta' slitta u l-persunaġġ ta' Father Christmas għall-prezz ta' Eur300 VAT inkluż;

xi. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Għaqda Mużikali San Pio X għal servizz tal-Banda għall-prezz ta' Eur531.00 VAT inkluż;

xii. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Noel Pullicino għall-kiri ta' props għall-prezz ta' Eur150.00 VAT inkluż;

xiii. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Digital Magic Co. Ltd għall-kiri ta' PA system u operator għall-prezz ta' Eur 218.30 VAT inkluż;

xiv. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Mercieca Bros Confectionery għal Meet-and-Greet għall-prezz ta' Eur135.00 VAT inkluż;

xv. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur John Mary Buhagiar għall-kiri ta' animal stock għal waqt il-purċissjoni għall-prezz ta' Eur450 VAT inkluż;

**(Doc. D anness)**

## 6.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

6.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

6.7.2 Applikazzjoni PA/06728/24 – 18, Clover Triq Anton Manoel Caruana L-Iklin 'Sanctioning of existing property from PB/01676/81, PA/7945/94 and PA/411/00 and increasing height of back yard walls.

6.7.3 Applikazzjoni PA/07108/24 – 37, Triq in-Namur c/w, Triq il-Plejju, Iklin 'To propose some alterations to the approved permit PA3823/2, including excavation of staircase base'.

6.7.4 Applikazzjoni PA/06924/24 – 86, Charlene, Triq Censu Busuttil, Iklin 'Sanctioning of changes from approved PA/6008/20, mainly in relation to pool area and facade due to updated survey.

6.7.5 Applikazzjoni PA/06640/24 - Wesgha Louis J.B. Scicluna, Iklin.' Regeneration of landscaping area in Wesgha Louis J.B. Scicluna, including the removal of existing statue and installation of new similar statue made of stone'.

## 6.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JUL-SEP 2024

6.8.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-QFR li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Settembru 2024.

6.8.2 L-Accountant spjega r-rendikont finanzjarju fid-dettal li jinkludi Overview & Summary, Statement of Income & Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of PPE.

Id-dħul tal-Kunsill għal dan il-perjodu laħħaq Eur288,884. L-ispiża għal dan il-perjodu kienet ta' Eur304,372 filwaqt li d-deprezzament kien ta' Eur41,090. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Gvern kienet tlaħħaq Eur260,199 filwaqt li dħul ieħor kien ta' Eur14,776 iġġenerati mill-permessi li joħroġ il-Kunsill. Dħul mill-LES laħħaq iċ-ċifra ta' Eur1,842.00 filwaqt li dħul ieħor laħħaq iċ-ċifra ta' Eur10,521.00. Is-salarji għal dan il-perjodu laħħqu ċ-ċifra ta' Eur82,199.00 filwaqt li l-ispejjeż għal Operations & Maintenance laħqet iċ-ċifra ta' Eur146,262. L-ispejjeż amministrattivi laħħqu ċ-ċifra ta' Eur34,821.00. Il-financial performance għal dan il-perjodu jirriżulta f'surplus ta' Eur11,651.00.

6.8.3 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet dwar dan ir-rapport. Ma kienx hemm.

6.8.4 Is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-QFR għal dan il-perjodu.

6.8.5 Il-Kunsill approva l-Quarterly Financial Report *nem con*.

6.8.6 Ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 6.9 FESTI NATALIZJI 2024

6.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras ippreżenta programm propost għall-festi natalizji 2024. Informa lill-preżenti li l-Kunsill irnexxielu jottjeni fondi mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u mill-Kunsill Reġjonali Lvant.

6.9.2 Il-programm propost ġie ppreżentat għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-preżenti kif jidher hawn taħt:

Il-Ħamis 12 ta' Diċembru – 18:00 – 20:00
Meet-and-Greet – Jieħdu sehem Ta' Verna Folk Band
Il-Komunità tal-Iklin hija mistiedna biex tiskambja l-Awgurju tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena
Post: Ġnien Ninu Cremona
F'każ tal-maltemp, l-iskambju tal-Awgurju jsir fis-Sala tal-Kunsill

L-Erbgħa 18 ta' Diċembru – 16:00 – 18:00 hrs
Ġej il-Father Christmas'

L-Erbgħa 18 ta' Diċembru
Il-Parroċċa Familja Mqaddsa ser torganizza *Carol singing*, tberik ta' bambini u presepji w Faċċati tad-djar mit-tfal bejn is-6:00 p.m. u 7.15p.m. u 7.15 p.m. u 8:45 p.m.

Il-Ħamis 19 ta' Diċembru – 18:00
Purċissjoni Tradizzjonali bil-Bambin Ġesù
'Presepju Ħaj' organizzat mill-Parroċċa Familja Mqaddsa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin. *Re-enactment* bil-persunaġġi lebsin il-kostumi u bl-akkumpanjament tal-mużika. Tibda minn Triq il-Klin u tgħaddi minn Triq Stefano Erardi, parti minn Triq Giovanni Curmi, għal Triq Ġeronimo Abos u tkompli minn Triq Alfons Marija Galea, Triq Pietru Pawl Saydon sall-Knisja Parrokkjali Familja Mqaddsa.

L-Għaqda Mużikali San Pio X takkumpanja l-purċissjoni b'innijiet ferrieħa tal-Milied.
Fi pjazza Ninu Cremona se jkunu armati *Christmas stalls* u *sound system* biex jiġu esegwiti innijiet popolari tal-Milied waqt li jkun hemm ħin soċjali flimkien għall-komunità.

It-Tnejn 23 ta' Diċembru
Il-Parroċċa Familja Mqaddsa ser torganizza *Carol singing*, tberik ta' bambini u presepji w Faċċati tad-djar mit-tfal bejn is-6:00 p.m. u 7.15p.m. u 7.15 p.m. u 8:45 p.m.

It-Tnejn 30 ta' Diċembru 16:30 – 18:00 hrs
Festin tal-Milied għat-tfal kollha tar-raħal

6.9.3 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-programm propost għall-Milied 2024.

6.9.4 Il-Kunsill approva l-programm propost u l-awtorizazzjoni għax-xiri u servizzi in konnessjoni mal-ispejjeż tal-Milied.

## 6.10 L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FIL-LOKALITÀ

6.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras fetaħ diskussjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalità. Informa lill-preżenti li kienu kellmuh xi residenti minn Triq Ġwann Mamo biex il-Kunsill jirrikunsidra tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku ta' din iż-żona peress li Triq Patri Marjanu Vella hija disinjata bħala two-way traffic, Triq Ċensu Busuttil kienet ġiet disinjata bħala one-way traffic 'il fuq u Triq Ġużè Muscat Azzopardi hija wkoll disinjata bħala one-way traffic 'il fuq. Is-Sindku kompla jgħid li minn joqgħod fi Triq Ġwann Mamo li hija preżentement disinjata two-way traffic fejn hemm element ta' periklu għaliex vetturi deħlin u ħerġin mill-istess triq.

6.10.2 Wara diskussjoni wiesgħa b'interventi mill-Kunsillieri Matthew Fenech, Mary Grace Gusman u l-Kunsillier Mario Fenech fejn waslu għal konklużjoni biex il-Kunsill jitlob parir mill-esperti tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta qabel mal-istess Kunsill jibda proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti biex eventwalment issir rakkomandazzjoni lill-Awtorità għal tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku eżistenti.

6.10.3 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiltaqa' mal-Awtorità regolatorja u nitilqu minn hemm.

## 6.11 ATTIVITÀ KULTURALI FESTA FJURI 2025

6.11.1 Is-Sindku Dott Sciberras fetaħ diskussjoni dwar l-attività kulturali annwali li qed tiġi ċċelebrata kull Mejju bit-tema 'Festa Fjuri'. Is-Sindku qal li sena wara l-oħra din il-attività qed tikber fil-popolarità tagħha u mill-feedback li ksibna kemm permezz tal-mezzi soċjali u wkoll permezz tal-attendenza tal-pubbliku li qed tattendi għal din l-attività nkluż il-feedback tal-parteċipanti.

Is-Sindku żied jgħid li mill-esperjenzi passati, kien importanti li l-Kunsill jibda jaħdem kmieni fuq din l-attività u jiffissa data biex tidħol fil-kalendarju għal raġunijiet varji.

Aktar minn hekk, kien importanti li l-Kunsill jaħseb kmieni fl-ordni tal-fjuri għax l-esperjenza qed tkompli tgħallimna li minħabba t-tibdil fil-klima, anke mill-esperjenza ta' dawn l-aħħar sentejn, l-ordni tal-fjura kienet qed issir tard u għaldaqstant ikun tajjeb li l-Kunsill jistabilixxi data għall-edizzjoni 2025 u jawtorizza x-xiri tal-petunia biex ikun hemm żmien suffiċċjenti biex il-fjuri tiffjorixxi fl-aqwa tagħha.

6.11.2 Wara diskussjoni wiesgħa dwar dan is-suġġett b'interventi tajbin u validi mill-Kunsillieri, ġie deċiż li l-attività kulturali annwali terġa tiġi kkonfermata għal nhar is-Sibt 17 ta' Mejju 2025. Aktar diskussjonijiet dwar l-attività kulturali isiru fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

## 6.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

6.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2024 fil-5.00 pm.

6.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2024 fil-5.00 pm.

6.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.30 pm.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv